**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 169/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**Glenn Saliba**

Seduta tal- 25 ta' Gunju, 2020

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Glenn Saliba , detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 182288M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1. Nhar is-sibt 25 t'Ottubru, 2014 għall-ħabta ta' 9:30a.m. fl-inħawi tal-Bidni Żabbar, ikkaċċja jew ipprova jikkaċċja , jieħu jew ipprova jieħu xi għasfur li huwa protett taħt dawn ir-regolamenti dwar il-konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, jekk mhux skond dawn ir-regolamenti u skont fil-kundizzjonijiet u kull liċenzja li tingħata taħtha; Reg 4(1) (a) tal-L.S. 504.71.

2. Ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kkaċċja jew ipprova jikkaċċja lil xi għasfur minbarra dawk imsemmija fl-iskeda II u dan bi ksur ta' Reg 5 (1) (3), S.L. 504.71

Il-Qorti kienet mitluba lli barra li tagħti l-piena taħt ir-regolament 27 tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u s-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġa taħt ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Għasafar selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għall-perjodu applikabbli taħt l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tal-25 ta' Marzu, 2015 li biha, wara li rat ir-Regolamenti 4 (1)(a) u 5(1)(3) tal-Avviż Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat L.S. 504.71 tal- Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati u għaldaqstant ikkundannatu multa ta' elf Ewro (€1,000) u ordnat is-sospensjoni tal-liċenzji kollha maħruġa lill-imputat taħt ir-Regolamenti msemmija għall-perjodu ta' sentejn (2);

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Glenn Saliba ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fis-7 t'April, 2015 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti jogħġobha **tirrevoka** s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu u tilliberah minn kull ħtija u piena skont il-liġi;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz, brevement rakkontati, huma li l-imputat kien rapportat li spara fuq zewg ghasafar protetti waqt li kien qed jikkaccja fl-ghalqa li tinsab fil-vicin tal-persuna li rrapurtatu, Paul Scicluna. L-ghalqa tappartjeni lil certu Gordon Ellul li kien jippermetti lill-imputat jaghmel uzu minnha ghal skop ta' kacca izda Ellul kellu xi dizgwid ma' Scicluna li fil-hin tar-rapport kien qieghed jonsob. Fil-25 t'Ottubru, 2014 Scicluna ra lil Glenn Saliba jispara għal ghasafar mgharufa bhala Taż-Zebbuġ bit-tnejn jispiccaw fl-ghalqa tal-istess Scicluna wiehed ferut u l-iehor mejjet. Huwa sejjah lil Pulizija izda meta waslu l-imputat ma kienx fuq il-post u wara li Scicluna urihom l-ghasafar baghtu ghall-imputat u inizzjaw il-procedura odjerna kontra tieghu.

2. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata bl-aggravju dwar il-provi mressqa u dan sia ghaliex ma kienux pruvati l-elementi kollha tar-reati imputati kif ukoll li ma saritx il-prova fil-grad rikjest mil-ligi. Tajjeb, qabel xejn, li jkun ribadit dak kostantament ritenut mill-Qrati tagħna, illi din il-Qorti, bħala Qorti ta' Appell Kriminali ma tiddisturbax l-apprezzament u l-konklużjoni raġġunta mill-Ewwel Qorti ħlief jekk tkun konvinta li dik l-Ewwel qorti ma setgħetx, fuq il-provi li kellha quddiemha, ragjonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha (ara in rigward, fost skorta ta' sentenzi oħra Il-Pulizija vs Simon Paris App. Krim., 15.7.1996);

3. L-ewwel argument mressaq mill-appellant jirrigwarda l-affidavit ta' PC 633 u dak ta' PC 411 bl-ilment li dawn ma kienux xhieda okulari u bbazaw ir-rapport taghhom fuq dak li qalilhom Paul Scicluna. Permezz ta' affidavit, l-ufficcjali tal-Pulizija xehedu illi meta accedew fuq il-post fuq rikjesta ta' Paul Scicluna, l-imputat ma kienx ghadu hemm. Scicluna qalilhom li dik ma kienitx l-ewwel darba li l-imputat spara fuq ghasafar

protetti izda dakinhar kien spara u fera zewg ghasafar Taz-Zebbug, ikkonsenjalhom dawn l-ghasafar u baqghu sejrin bihom il-kwarantina fejn hemm sabu lil certu Stanley Gatt li ezamina dawn l-ghasafar;

4. Dwar dan l-agir, l-appellant jillanja illi l-prosekuzzjoni ma ressqitx l-aqwa prova senjatament li l-ghasafar kienu ghasafar protetti fit-termini tar-Regolament 5(1)(3) tas-SL 504.71 u li sabiex issir din il-prova kellu jingieb bhala xhud s-Sur Stanley Gatt li kien ezamina l-ghasafar. U hawn qed jirreferi ghat-tieni imputazzjoni. L-appellant m'ghandux ragun in rigward. Dan ghaliex l-ufficcjali tal-Pulizija tal-ALE gharfu huma stess l-ghasafar u l-appellant ghazel illi ma jressaqx lil dawn l-ufficcjali biex jixhdu in kontro-ezami. Kwindi d-dikjarazzjoni taghhom li dawk kienu ghasafar protetti ghaddiet inkontestata b'mod allura li l-ewwel Qorti setghet tistrieh fuq dawk id-dikjarazzjonijiet;

5. It-tieni ragunament mressaq mill-appellant ukoll jirrigwarda l-identifikazzjoni tal-ghasafar kolpiti ghar-rigward tal-ewwel imputazzjoni. Din il-Qorti qed issegwi l-ordni kif mressqa mill-appellant. Issa, kwantu jolqot l-argument li l-aqwa prova kellha tkun l-produzzjoni tas-sur Stanley Gatt, dan gia huwa deciz *supra.* L-appellant, pero' izid jghid illi l-prosekuzzjoni ccitat r-regolament 4(1)(a) tal-LS 504.71. Ir-ragunament tal-appellant huwa s-segwenti:

"Skond dan ir-regolament huwa projbit li pesuna tikkaccja xi ghasfur "*li huwa protett taht dawn ir-regolament".* L-unika sekda fir-regolamenti li telenka l-ghasafar protetti hija l-Skeda I u ghalhekk il-prosekuzzjoni kellha d-dover li tipprova permezz ta' Stanley Gatt li t-tajra in kwistjoni kienet effettivament tajra imsemmija f'din l-Skeda. L-appellant pero isostni li fi

kwalunkwe kaz it-tajra in kwistjoni lanqas tissemma fit-tali Skeda. Infatti skond l-affidavits tal-pulizija u x-xiehda ta' Paul Scicluna it-tajra milquta tissejjah '*taz-*zebbug'. Fir-regolament 2 tas-SL 504.71 din it-tajra hija definita bhala *"fringillidae"* u specifikament imsejha "*coccothraustes* coccothrausstes". Meta wiehed pero' jezamina l-Skeda I taht l-ispecje ta' *fringillidae,* it-tajra maghrufa *taz-zebbug* ma hijiex elenkata. Kwindi fl-umili sottomissjoni tal-appellant, anke din l-imputazzjoni hija insostenibbli u mhux pruvata".

6. Illi kif tajjeb osserva l-appellant, fl-ewwel imputazzjoni huwa allegat li kkaccja jew li ttanta jikkaccja ghasfur protett fit-termini tar-regolament 4(1)(a) tal-LS 504.71. Issa, dan ir-regolament llum il-gurnata jinsab rielenkat bhala LS 549.42. L-origini tieghu huwa l-Avviz Legali 79 tal-2006, emendat diversi drabi. Ir-regolament li l-appellant huwa allegat li kiser fl-ewwel imputazzjoni jipprovdi li kull speci ta' ghasfur li jinsab fis-selvagg b'mod naturali huwa protett, bil-konsegwenza illi l-kacca ta' dawk l-ghasafar jammonta ghal-reat taht ir-regolament bla hsara ghar-regolament 5, 8 u 9. Ir-regolament 5 jipprovdi li hadd ma ghandu jikkaccja jew jipprova jikkaccja xi ghasfur minbarra dawk imsemmija fl-Iskeda II.

7. Dan ifisser illi hija permessa l-kaccja tal-ghasafar msemmija fl-Iskeda II. Ghalhekk ir-ragunament tal-appellant illi la darba l-ghasfur Taz-Zebbug mhux imsemmi fl-Iskeda I allura seta' jkun soggett ta' kaccja huwa zbaljat. L-Iskeda I qieghda hemm ghal-ragunijiet ohra li din il-qorti ma ghandhiex ghalfejn tinoltra dwarhom. Huwa sufficjenti ghal kaz odjern li jkun stabbilit jekk l-ghasfur mgharuf bhala Taz-Zebbug huwhiex lecitu li jkun kkaccjat jew le billi jkun stabilit jekk dan huwhiex inkluz fl-Iskeda II. L-appellant stess jindika li t-terminu tekniku ta' dan l-ghasfur huwa *fringillidae* u msejjah

*cocccothraustes coccothraustes*. Dan l-ispeci ma huwiex imsemmi fl-Iskeda II u konsegwentement ma setax ikun soggett ta' kacca. Issa jekk l-ewwel Qorti kellha x-xjenza teknika bizzejjed biex tkun accertata li l-ghasfur Taz Zebbug huwa *cocccothraustes coccothraustes*, dan bl-ebda mod ma kien kontestat u ghalhekk l-appellant m'ghandux ragun f'dan l-argument;

8. L-appellant ukoll jillanja s-sentenza appellata bil-gravam li Paul Scicluna ma seta' qatt jitwemmen u dan ghal diversi ragunijiet fosthom li dan kellu tilwim ma' sid l-ghalqa u li l-posizzjoni li kien fiha hu mhix wahda li minnha seta' jara lill-appellant. Din il-qorti semghet liz-zewg xhieda *viva voce* ghar-raguni li d-deposizzjoni taghhom ma kienitx registrata mill-ewwel Qorti. Minn dawn id-deposizzjonijiet u la darba l-kwistjoni hija wahda ta' kredibilita' ma jidhirx li kien hemm xi ostakolu ghall-ewwel Qorti li ma temminx il-verzjoni tax-xhud Paul Scicluna. Din il-Qorti ghalhekk ma ghandhiex raguni ghaliex tiddisturba d-diskrezzjoni li kellha l-ewwel Qorti in rigward;

9. Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud. Kosegwentement it-termini ta' sospensjoni tal-licenzja ghal zmien sentejn jibda jiddekorri mil-lum.